MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2006

Numru. 15/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech Spettur Raymond Aquilina**
**V**

**OMISSIS**

**Seduta ta' llum, 12 ta' Ottubru 2006**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **OMISSIS** ta' OMISSIS sena, bin OMISSIS u OMISSIS, imwieled OMISSIS, nhar OMISSIS u residenti OMISSIS, detentur tal-karta tal-identita numru OMISSIS gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar t-tlieta w ghoxirn ta' Mejju 2006 bejn s-siegha w s-saghtejn ta' wara nofsinhar fi OMISSIS, sitwat fi OMISSIS, Ghawdex:

1. b'ghemil zieni b'ghemil zieni kkorrompa lil persuna taht l-eta u cioe lil OMISSIS;

2. talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, b'xi mezzi barra minn dak imsemmi fl-artikolu 203(1) eccita, ghen jew iffacilita l-korruzzjoni ta' OMISSIS, minorenni OMISSIS tas-sess l-wiehed jew l-iehor;

3. talli bla ordni skond l-ligi ta' Awtorita Kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jaresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil istess OMISSIS, minorenni ta' OMISSIS sena kontra l-volunta tieghu u dan bhala mezz biex hu jigi mghieghel jaghmel xi haga jew joqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess tieghu;

4. talli kkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta' OMISSIS, minorenni OMISSIS sena, liema persuna ma setghetx tirrezisti minhabba l-mezzi qarrieqa li l-hati jkun inqeda bihom;

5. talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412(c ) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt l-mori tal-kawza kif wkoll f'kaz ta' htija ma kull piena li jidhrilha xieraq.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrija tal-imputat rilaxxjata nhar l-ewwel ta' Gunju 2006 esibita bhala dokument PS [fol 30] u l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2006 [fol 42].

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta ta' nhar s-sebgha ta' Settembru 2006 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Gunju 2006 kif jirrizulta mill-verbal relattiv a fol 29 tal-atti.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil partijiet jittrattaw dwar l-piena fis-seduta tas-sebgha ta' Settembru 2006.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Gunju 2006 il-Qorti kienet laqghet talba tad-difiza sabiex isir *pre sentencing inquiry report* dwar l-imputat u ghal dan l-ghan innominat lis-Senior Probation Officer Mariella Camilleri.

Illi nhar s-sebgha ta' Settembru 2006, dehret s-Senior Probation Officer Mariella Camilleri w ippresentat u halfet r-relazzjoni taghha li giet immarkata bhala dokument MC. Minn ezami ta' dan r-rapport jirrizulta li l-agir tal-imputat halla mpatt negattiv fuq il-vittma tant li l-vittma beda jitlef mill-irqad tieghu u mar lura ferm akkademikament. Il-vittma spicca wkoll taht l-ghajnuna ta' *guidance teacher* u fil-fatt l-probation officer hasset li l-imputat ghandu bzonn ghajnuna psikologika. Stqarret wkoll li l-vittma OMISSIS, hafer lil imputat ghal ghemilu.

Fil-konkluzzjonijiet ta' din r-relazzjoni, l-imsemmija Senior Probation Officer tissuggerixxi lil din il-Qorti tikkonsidra li tikkundannah lil OMISSIS ghal piena ta' prigunerija izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u li tigi annessa ordni ta' supervizzjoni biex tifforma parti integrali minn din is-sentenza ai termini tal-artikolu 28(G) tal-Kodici Kriminali. Issuggeriet wkoll li tigi annessa kundizzjoni li

OMISSIS jattendi ghal sessjonijiet ghand psikolugu jew psikologa anke jekk dan ikun jinhtieg li jivvaggja minn Ghawdex ghal Malta ghal din l-ghajnuna. Hija tal-fehma li huwa importanti li OMISSIS jigi mnehhi minn fuq il-post tax-xoghol presenti u ma jithalliex jahdem f'postijiet ohra fejn ikollu involviment ma persuni li huma taht l-eta u ghas-sigurta u protezzjoni ta' minorenni ohra, ma jkunx permess li jiffrekwenta postijiet fejn normalment jattendu minorenni. Hija pero eskludiet l-fatt li OMISSIS jitnehha minn kull tip ta' xoghol.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li dawn t-tipi ta' reat huma aborrenti ghall-ahhar u m'ghandhom qatt isiru. Huwa minnu li l-korruzzjoni ghandha gradazzjoni pero kull grad ta' korruzzjoni huwa hazin u din il-Qorti thoss li ghandha tibghat messagg lis-socjeta li kull agir bhal dan, ser jigi punit bl-aktar mod sever u cioe b'piena ta' prigunerija, anke fil-kaz in desamina, ghalkemm l-ghemil zieni tal-imputat kien wiehed minimu.

Il-Qorti ezaminat wkoll l-ittri mibghuta mill-avukat difensur tal-vittma Dottor Carmelo Galea esibiti fl-atti w immarkati bhala dokument 1 anness mar-rapport tas-Senior Probation Officer u thoss li ghandha taghtihom piz fis-sentenza li sejra timponi fuq l-imputat.

Ghaldaqstant **il-Qorti**, filwaqt li tilqa dak suggerit mis-Senior Probation Officer Mariella Camilleri fir-relazzjoni taghha, u wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 203(1), 203A, 86, 87, 207, 209, 17(b), 20, 30, 23, 412(c) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat OMISSIS hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tikkundannah ghal sentejn [2] prigunerija sospizi ghal perjodu massimu permess mill-ligi u cioe dak ta' erbgha [4] snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti qeghda wkoll tpoggi lil OMISSIS taht is-supervizzjoni ta' Ufficjal tal-Probation ghal perjodu massimu permess mill-ligi u cioe ghal perjodu kollu**

**operattiv tas-sentenza sospiza u dan ai termini tal-artikolu 28(G)(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti dan ghamlitu wara li qisiet il-fatti specie tal-kaz u cioe l-gravita tal-kaz, pero thoss li forsi jkun ahjar sabiex jibqa fit-triq t-tajba, li jigi ggwidat minn Ufficjal tal-Probation u ghalhekk thoss li tali supervizzjoni tista tkun ta' ghajnuna ghal istess imputat probationer.**

**Il-Qorti tordna lil imputat ihallas minnufih lil vittma OMISSIS is-somma ta' elf [1000] lira maltin ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta rappresentanti somma ghal offiza u hsara li l-vittma sofra rizultat ta' dan r-reat b'dan li b'hekk, il-vittma OMISSIS ikun jista jhallas ghal xi spejjes li jista jkollu fl-ghajnuna li qed jikseb mill-psikologu.**

**Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services Limited sabiex jigi nominat l-kandidat idoneju sabiex jiehu hsieb lil imputat probationer filwaqt li tissolecita lil istess Direttur sabiex jekk huwa possibbli, s-Senior Probation Officer Mariella Camilleri tibqa s-segwi lil imputat probationer.**

**L-imputat probationer OMISSIS u l-istess Ufficjal tal-Probation ghandhom jidhru quddiem din il-Qorti darba kull sitt [6] xhur sabiex din il-Qorti tkun tista tkompli ssegwi l-ordnijiet taghha.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri f'kaz li jonqos li josservha u l-imputat iddikjara li fehem ben tajjeb.**

**Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi mmedjatament notifikata lid-Direttur tal-personnel fil-Ministeru ghal Ghawdex bil-ghan li l-imputat jigi sospiz minnufih mill-impjieg tieghu u taht l-ebda cirkostanza m'ghandu jinghata xi mpjieg fejn l-imputat possibbilment jista jkollu xi kuntatt ma minuri.**

**Tordna wkoll li l-isem u l-partikolaritajiet kollha kemm tal-imputat kif wkoll tal-vittma ma jigux mxandra fuq il-mezzi kollha tax-xandir u dan l-ordni qed isir sabiex tipprotegi l-minuri, stante li s-socjeta Ghawdxija hija zghira.**

**Finalment l-Qorti tordna wkoll li tinhareg ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens li qed tinibixxi lil imputat OMISSIS ghal perjodu massimu permess mill-ligi ta' erbgha [4] snin mill-lum li ma jimmolestax jew javvicina lil vittma jew lil familjari tieghu.**

**Qeghda wkoll tinibixxi lil imputat milli b'xi mod jghaddi minn quddiem r-residenza tal-vittma jew l-iskola jew certi akwati li l-istess vittma jattendi u dan ghal istess perjodu ndikat aktar 'l fuq.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, il-Qorti tastjeni milli konjizzjoni ta' tali talba stante li ebda perit jew espert ma gie nominat fil-mori tal-kumpilazzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------